MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Numru. 35/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**George Refalo bin Geraldo u Carmela nee' Sultana, imwieled nhar l-ergha ta' Mejju, 1946 u residenti Bee Hive, Marsalforn Road, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita 40746(G)**

**Joseph Karl Bajada bin Emanuel u Pauline nee' Attard, imwieled nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1979 u residenti, Flat 3, Ramla Bay Court, Gajdoru Street, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 5779(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **GEORGE REFALO** bin Geraldo u Carmela nee' Sultana, imwieled nhar l-ergha ta' Mejju, 1946 u residenti Bee Hive, Marsalforn Road, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita 40746(G) u **JOSEF KARL BAJADA** bin Emanuel u Pauline nee' Attard, imwieled nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1979 u residenti, Flat 3, Ramla Bay Court, Gajdoru Street, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 5779(G) gew mressqa quddiemha, akkuzati talli George Refalo, nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Novembru, 2004 ghal habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu bhala l-persuna illi f'ismu ghandu l-licenzja biex izomm l-istabbiliment 'The Valley' li jinsab fi Triq Marsalforn, Xaghra Ghawdex u l-imputat Josef Karl Bajjada li ghandu l-licenzja ta' substitute ta' l-istess stabbiliment:-

1. ippermettew fil-lokal taghhom id-daqq ta' xi muzika registrata b'xi mod li jkun amplifikazzjoni ta' dik il-muzika b'xi mezz elettroniku, elettriku jew iehor minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti;

2. talli iggestew attivita kummercjali minghajr permess ta' l-awtorita' regolatorja;

3. talli ggestew attivita' kummercjali fl-imsemmi post meta ma kienux hallsu d-dritt tal-licenzja li ghandu jithallas ta' kull sena jew ghal xi perjodu specifikat lil Awtortita' Kompetenti.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kelliex riferta tal-ko-akkuzat Josef Karl Bajada u li qed tirremetti ruhha fil-konfront tal-akkuzat George Refalo, billi ma hiex ser tressaq provi.

Dehret Dottor Gerogina Grech debitament awtorizzata ghan-nom tal-ko-akkuzat Josef Karl Bajada li ammettiet l-akkuzi ghan-nom tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 22(1) tar-Regolamenti dwar l-Imbejjed u Spirti,

artikolu 13 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 21(1) tal-Avviz Legali 102/2002, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat GEORGE REFALO hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu peress li dawn ma gewx ippruvati b'mod sodisfacenti u tilliberah minnhom u tiddikjara li ssib lil imputat JOSEF KARL BAJADA hati fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------